

32006D0125

L 51/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.2.2006

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2006/18/KE**ta' l-14 ta' Frar 2006****li temenda d-Direttiva 77/388/KE fir-rigward tar-rati mnaqqa tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-possibbiltà ta' l-applikazzjoni ta' rata mnaqqa tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tingħata fir-rigward ta' provvisti ta' tisħin urban, bl-istess mod kif ingħatat għall-provvisti ta' gass naturali u ta' elettriċità, li għalihom il-possibbiltà ta' l-applikazzjoni ta' rata mnaqqa hija diġà prevista fis-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ⁽³⁾.
- (2) Sabiex jiġi apprezzat aħjar l-impatt tar-rati mnaqqa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport ta' valutazzjoni dwar l-impatt tar-rati mnaqqa applikati għal servizzi provduti lokalment, b'mod partikolari f'termini ta' ħolqien ta' mpjegji, ta' tkabbir ekonomiku u tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern.
- (3) Konsegwentement, għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2010 l-esperiment tar-rati mnaqqa għas-servizzi li jirrikjedu l-prestazzjoni ta' kwantità kbira ta' xogħol minn ħaddiema u għandha tkun prevista l-possibbiltà għall-Istati Membri kollha li jieħdu sehem fih taħt l-istess kundizzjonijiet.
- (4) Għaldaqstant, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jibbenefikaw, għall-ewwel darba, mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 28(6) tad-Direttiva 77/388/KEE u dawk li jkunu jixtiequ jemendaw il-lista ta' servizzi li għalihom huma applikaw l-imsemmija dispożizzjoni fil-passat, għandhom jippreżentaw talba lill-Kummissjoni, flimkien mad-dettalji

relevanti għall-fini ta' valutazzjoni. Tali valutazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni ma tidhirx li hija meħtieġa fil-każ fejn l-Istati Membri jkunu preċedentament ibbenefikaw minn awtorizzazzjoni fil-passat u jkunu ppreżentaw rapport dwar dan is-suġġett lill-Kummissjoni.

- (5) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità legali, din id-Direttiva għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006.
- (6) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva ma timplika ebda bidla fid-dispożizzjonijiet legiſlattivi ta' l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 77/388/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 12 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (b) fil-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(b) L-Istati Membri jistgħu japplikaw rata mnaqqa għal provvisti ta' gass naturali, ta' elettriċità u ta' tisħin urban, sakemm ma jkun jeżisti ebda riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika tali rata għandu jinforma minn qabel lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha taqti deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' xi riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tat deċiżjoni fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni, jiġi meqjus li ma jkun jeżisti ebda riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.”
 - (b) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 4:

“Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, u abbażi ta' studju mwettaq minn korp indipendenti ta' studju ekonomiku, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport ta' valutazzjoni globali dwar l-impatt tar-rati mnaqqa applikati għal servizzi provduti lokalment, inklużi s-servizzi għar-ristoranti, b'mod partikolari f'termini ta' ħolqien ta' impjegji, ta' tkabbir ekonomiku u tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern.”

⁽¹⁾ ĠU C 89 E, 14.4.2004, p. 138.

⁽²⁾ ĠU C 32, 5.2.2004, p. 113.

⁽³⁾ ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/92/KE (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 19).

2. Fl-Artikolu 28, il-paragrafu (6) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru sabiex japplika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 r-rati mnaqqa previsti fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 12(3)(a) għas-servizzi elenkati f'massimu ta' tnejn mill-kategoriji esposti fl-Anness K. F'każijiet eċċezzjonali, Stat Membru jista' jiġi awtorizzat japplika r-rati mnaqqa għal servizzi li jagħmlu parti minn tlieta mill-kategoriji msemmija hawn fuq.”

(b) ir-raba' subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Kwalunkwe Stat Membru li jkun jixtieq japplika, għall-ewwel darba wara l-31 ta' Diċembru 2005, rata mnaqqa għal wieħed jew aktar mis-servizzi msemmija fl-ewwel subparagrafu skond din id-disposizzjoni għandu jinforma lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Marzu 2006. Huwa għandu jikkomunika lill-Kummissjoni qabel dik id-data d-dettalji rilevanti kollha dwar il-miżuri l-ġodda li jixtieq jintroduċi, u b'mod partikolari d-dettalji li ġejjin:

(a) l-ambitu ta' applikazzjoni tal-miżura u deskrizzjoni preċiża tas-servizzi konċernati;

(b) id-dettalji li juru li l-kondizzjonijiet previsti fit-tieni u fit-tielet subparagrafi ġew sodisfatti;

(c) id-dettalji li juru n-nefqa tal-budget għall-miżura maħsuba.”

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

K.-H. GRASSER